# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 810/01/SM**

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Romina Libreri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' LM2458.20,0 rapprezentanti l-ammont dovut skond kambjalijiet ffirmati u skaduti (Dok. 1 sa 25);**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 12 ta' Lulju 2001 u tal-ittri ufficjali datati 6 ta' Settembru 2001 u 24 ta' Lulju 2001 u bl-imghax legali sal-pagament effetti kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-24 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**